**Iwa kemm għandek x'tagħmel?**

Dejjem għaddej taħdem
Xtaqt insaqsik: "Kif int?"
Qiegħed taħrab minni
Mhux li kien iċċekkint.

Int u jien qed naħdmu
Min hu l'hawn u min l'hemm,
Imdawrin bil-poplu
Li qed ifittex kenn.

Int fiċ-ċokon tiegħek
Titkarrab l-għajnuna,
Għax int ukoll bniedem
U l-qalb tkun midħuna.

Trid biss issib spazju
Li ttarraf xi kelmtejn,
U qalb li tisimgħek
U jinħaslu għajnejk.

B'bikja tant sinċiera
Li sserraħħlek qalbek,
Kemm iħossok sewwa
U jinstema' talbek.

Ftakar dejjem f'ħaġa
Tikber tassew f'hajtek,
Mhux ma' min hu bħalek
Miegħu dejjem rajtek.

Tikber tassew ma' min
Minnek differenti,
Għax miegħu tissaħħaħ
Tkun intelliġenti.

Se nieqaf, għadda l-ħin
F'idejk hu li tagħżel,
Iġġibx skużi aktar
Ta' kemm għandek x'tagħmel.

Patri Mario Attard OFM Cap
9 ta' Diċembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.